

SAN PIETRU FIL-KTAJJEN
PARROĊĊA BIRŻEBBUĠA

# Pjan Pastorali Parrokkjali 2012-2014

It-Teżor f'ġarar tal-fuħħar

"Dan *it-Teżor* qiegħed għandna *f'ġarar tal-fuħħar*, ħalli b'hekk jidher sewwa li l-kobor ta' din il-qawwa ġej minn Alla, u mhux minna."
2Kor 4, 7



**Mission Statement**

- Bħala membri tal-parroċċa ta' San Pietru fil-Ktajjen f'Birżebbuġa, nemmnu li għandna sehem mill-missjoni ta' Kristu permezz tal-Magħmudija li rċevejna. Imħeġġin mill-Ispirtu s-Santu u fuq l-eżempju ta' missierna San Pietru, nfittxu li:

- Nsaħħu u niċċelebraw il-Fidi tagħna f'Ġesu' Kristu u r-relazzjonijiet tagħna ma' xulxin bħala familja ta' Alla permezz tal-Kelma u s-Sagramenti, speċjalment bl-Ewkaristija.

- Nikbru bħala komunita' billi nfittxu l-ġid, l-aktar dak spiritwali, ta'kull wieħed u waħda minna għax hu jew hi dixxiplu ta' Kristu.

- Inkunu ta' għajnuna għall-oħrajn, l-aktar dawk li huma fil-bżonn (mingħajr ebda diskriminazzjoni ta' razza, kulur, reliġjon, eċċ.,) bħalma għamel Ġesu' u bħalma tgħallimna l-Knisja.

**PARROĊĊA SAN PIETRU FIL-KTAJJEN**

UFFIĊĊJU PARROKKJALI
2, TRIQ IL-KURAT FENECH, BIRŻEBBUĠA
BBG 2031 MALTA - TEL: 21651200
Parrocca.birzebbugia@maltadiocese.org
www.bugaparish.org

Għeziez

Il-Pjan Pastorali Parrokkjali tal-Parroċċa ta' Birżebbuġa hu frott il-ħidma, konsultazzjoni u preparazzjoni mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali flimkien mall-membri tal-KIS u l-Assemblea Pastorali li saret nhar il-Ħadd 6 ta' Novembru fis-Sala Santa Rita.

Dan il-pjan jibni fuq il-pjanijiet l-imgħoddija u jipprova jwieġeb għas-sejħa li għamlulna l-Papa preżenti u l-Arċisqof tagħna għall-Evanġelizzazzjoni Ġdida "billi nimpenjaw ruħna mil-lum f'dan it-tiġdid li l-Ispirtu qed isejħilna għalih."

Biex nagħmlu dan qsamna l-kontenut tal-pjan fi tmin taqsimiet u kull taqsima fi tliet kolonni li jiġbru fihom **Bidliet fis-Soċjeta' ta' madwarna - Proposti – Implimentazzjoni.**

Jiena nirringrazzja lil dawk kollha li taw sehemhom fil-preparazzjoni ta' dan il-pjan, b'mod speċjali lill-membri tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali. Nittama li dan il-pjan imexxina biex nahdmu flimkien, jinkora ġġina u jinvolvi uċuh ġodda fil-ħidma tal-parroċċa.

Fr Nicholas Pace - Kappillan

**PJAN PASTORALI PARROKKJALI 2012-2014**

| Bidliet fis-Soċjeta' Maltija | Proposti | Implimentazzjoni |
|---|---|---|
| **A.Indifferenza lejn Alla u lejn il-Knisja:**<br>I. Minn kultura li tqarreb saret kultura li tbiegħed mill-Knisja.<br>II. Minn eta' żgħira, t-tfal qed jgħixu l-ateiżmu fil-prattika. Alla għalihom ma jfisser xejn.<br>III. Reliġjon "*a modo mio*" – Relattiviżmu.Ġustifikazzjoni bid-dgħufija tal-Knisja (abbużi, eċċ.).<br>IV. Kollox sar xejn mhu xejn.<br>V. Żgħażagħ minn eta' żgħira mhux qed jiġu l-Knisja *.<br>VI. Bniedem li jaħseb fih innifsu.<br>VII. Sinjal ta' rispett u riverenza naqsu.<br>VIII. Il-Knisja għal ħafna m'għadhiex prijorita'.<br>IX. Inwarrbu dak li jmiss mar-religjon.<br>X. L-ambjent u r-relazzjoni mal-ħolqien mhux suġġett relevanti għal ħafna nsara. | a. Nedukaw lit-tfal, liż-żgħażagħ u lill-adulti biex jagħmlu lil Alla u mhux lill-paganiżmu modern, iċ-ċentru ta' ħajjithom.<br>b. Ma niddejqux li l-ħażin ngħidulu ħażin u ninkoraggixxu lill-persuna terġa' lura għas-sewwa.<br>c. Nuru kemm il-Knisja għadha relevanti f'ħajjitna. Nagħtu xhieda b'għemilna tal-fidi tagħna.<br>d. Akkoljenza lill-parruċċani ġodda (fil-parroċċa, fl-għaqdiet, eċċ).<br>e. Nagħtu każ aktar tal-parruċċani tal-okkażjonijiet (funerali, magħmudijiet, żwiġijiet, eċċ).<br>f. Nukleju ta' żgħażagħ li jgħixu esperjenza ta' Ġesu' u jgħadduha lill-oħrajn.<br>g. Quddiesa parteċipattiva, b'mod speċjali miż-żgħażagħ.<br>h. Nesperjenzaw lil Alla fil-ħajja tagħna u naqsmu l-ferħ tal-fidi tagħna mal-oħrajn biex ninbnew f'komunita'. | 1. Taħriġ lil min għandu taħt idejh il-kura tat-tfal, fosthom il-ġenituri, l-għalliema u l-katekisti. Dan it-taħriġ jista' jiġi estiż għall-koppji li se jiżżewġu.<br>Resp : **Kummissjoni Kateketika**<br>**Koppji Mexxejja**<br>2. Proposti konkreti minn għaqdiet li għandom f'idejhom l-edukazzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ biex dawn ikollhom esperjenza ta' Alla.<br>Resp : **Kummissjoni Kateketika**<br>3. Proġetti mogħtija lit-tfal biex jinħadmu flimkien mal-familja fid-dar. Qari tal-Bibbja, Talb, Presepju bħala mezz ta' evanġelizzazzjoni.<br>Resp : **Kummissjoni Kateketika**<br>4. Nidentifikaw oqsma ta' ħidma ta' volontarjat fil-parroċċa.<br>Resp : **Kummissjoni Djakonija**<br>5. Slides fuq screen dwar kif għandna nġibu ruħna fil-knisja.<br>Resp : **Kummissjoni Liturġija**<br>6. Il-parroċċa tinqasam f'areas fejn issir ġimgħa ta' Evanġelizzazzjoni , kateżi u esperjenzi personali.<br>Resp : **KPP**<br>7. Quddiesa darba kull tliet xhur fis-sala parrokkjali matul il-ġimgħa għal dawk li mietu tul dak iż-żmien.<br>Resp : **Kummissjoni Djakonija** |

| | | |
|---|---|---|
| **B. L-Influwenzi tal-media u kulturi differenti minn tagħna:**<br>I. Preżenza tar-refuġjati, ħafna minnhom ta’ reliġjon Musulmana. – preġudizzji u nuqqas ta’ tolleranza.<br>II. Ir-rispett għall-hajja imminat mill-kultura moderna. Nuqqas ta’ self esteem.<br>III. Bidliet fit-teknologija kienu mgħaġġla u ma konniex ippreparati għalihom. Dawn ħallew effett fuq it-tfal u l-familja.<br>IV. Il-viżjoni li tagħti l-*media* lir-reliġjon.<br>V. Id-dħul ta’ Malta fl-Ewropa. Nippretendu li għandu jkollna l-istess liġijiet bħal pajjiżi Ewropej. Eż. gay marriage, divorzju, eċċ.<br>VI. Id-dħul tal-Liġi tad-Divorzju.<br>VII. Is-sekularizzazzjoni qed tbiegħed lil ħafna mis-Sagramenti.<br>VIII. Tkissir ta’ valuri. Il-permessivita’- Sess fost iż-żgħażagħ – pornografija eċċ.* | a. Noħolqu ideja pożittiva u nirribattu l-preġudizzji.<br>b. Edukazzjoni għat-tfal u l-ġenituri fl-użu tal-*media*.<br>c. Tagħlim kontinwu fuq *issues* diskussi fis-soċjeta’ billi jiġi spjegat b’mod ċar it-tagħlim tal-Knisja. Dan għandu jsir b’mod regolari u mhux f’mumenti ta’ kriżi.<br>d. Nibqgħu nuru li d-divorzju mhux soluzzjoni għal żwieġ f’diffikultajiet.<br>e. Nagħżlu u nħarrġu nies biex ikunu jistgħu jwasslu l-viżjoni tal-Knisja fuq il-mezzi tal-*media.*<br>f. Formazzjoni pożittiva dwar is-sesswalita’.<br>g. Forma ta’ kuntatt mal-koppji ġodda mill-Koppji Mexxejja u l-Kummissjoni Familja. | 1. Laqgħat min-nies kompetenti biex jitkellmu dwar ir-refuġjati u kif nistgħu nifhmu lil xulxin. Esperjenzi ta’ nies li qed jaħdmu fost ir-refuġjati.<br>Resp : **Kummissjoni Djakonija**<br>2. Ninkludu fil-laqgħat tal-ġenituri u l-laqgħat tat-tfal it-tema tat-teknoloġija tal-informatika u l-influwenza tagħha.<br>Resp : **Kummissjoni Kateketika**<br>3. Kors mill-Istitut ta’ Formazzjoni għall-Unita’ tagħna dwar il-*media*, kemm biex wieħed jirċievi kif ukoll biex iwassal. Dan jinkludi t-teknika ta’ kif wieħed juża l-lingwaġġ tal-*media*.<br>Resp : **Grupp Kuntatt Unita’ 15**<br>4. Ninkludu l-viżjoni tal-Knisja dwar *issues* kurrenti waqt l-omelija, laqgħat fl-għaqdiet u permezz tal-internet.<br>Resp : **KPP**<br>5. Taħriġ ta’ koppji biex jgħinu koppji oħra f’diffikulta’.<br>Resp : **Kummissjoni Familja**<br>6. Laqgħat ta’ formazzjoni dwar is-sesswalita’ għat-tfal u oħrajn għall-ġenituri tat-tfal minn persuni kompetenti.<br>Resp : **Kummissjoni Kateketika**<br>**Kummissjoni Familja**<br>7. Kuntatt permezz ta’ *email* mal-koppji ġodda fl-ewwel snin taż-żwieġ.<br>Resp : **Koppji Mexxejja**<br>*8.* Informazzjoni dwar ċentri ta’ għajnuna fir-rivista Flimkien u *website* tal-parroċċa (eżempju Kana, Caritas, eċċ).<br>Resp : **Kummissjoni Media** |

| | | |
|---|---|---|
| **C. Nuqqasijiet tal-Knisja u tagħna bħala lajċi:**<br>I. Gruppi fi ħdan il-parroċċa għadhom qed jaħdmu għal rashom (aħna lkoll membri tal-istess Ġisem).<br>II. Nuqqas ta' preparazzjoni tas-saċerdoti. Bżonn ta' aġġornament.<br>III. Il-Knisja għamlet żmien rieqda – komda – u ħadet kollox '*for granted*' – inħasdet bir-rejalta' tal-bidla.<br>IV. L-Omeliji – ċavetta għall-Evanġelizzazzjoni – mhux qed tħalli effett.<br>V. Nuqqas ta' katekisti ppreparati għal wara l-Griżma.<br>VI. Ix-xogħol pastorali tagħna hu *maintenance*. Ma nippjanawx għall-futur b'mod ikkoordinat bejn il-membri.<br>VII. Qed naħsdu l-frott tal-mentalita' ta' qabel. (Dak li kien suffiċjenti qabel nippretendu li hu biżżejjed għal-lum. (eż. It-tagħlim kien jieqaf mal-Griżma).<br>VIII. Nuqqas ta' għarfien ta' *support group.*<br>IX. Nuqqas ta' koperazzjoni mil-lajċi fil-parroċċa. Nuqqas ta' *commitment* mil-letturi.<br>X. Ħafna mill-membri tal-Poplu t'Alla ma jagħrfux x'inhi l-missjoni tagħhom bħala nsara fil-bidla tad-dinja. | a. Koordinament u tagħrif dwar il-ħidmiet tal-gruppi fil-parroċċa.<br>b. Omeliji relevanti u marbuta mal-qari tal-Liturġija.<br>c. Taħriġ ta' lajċi biex ikunu katekisti.<br>d. Tħejjija xierqa għas-Sagramenti.<br>e. Il-kleru u l-lajċi mpenjati jibqgħu jwasslu t-tagħlim tal-Knisja mingħajr ambigwita jew dubji.<br>f. Infissru eżatt x'inhi l-Evanġelizzazzjoni u kif din għandha tkun l-prijorita' ta' kull min hu mgħammed.<br>g. L-attendenza tal-membri tal-KPP hi importanti biex tinbena Knisja komunitarja | 1. Seminar għall-għaqdiet.<br>Resp : **KPP**<br>2. Laqgħat /ħidma flimkien bejn għaqda u oħra.<br>Resp : **KPP**<br>3. Grupp ta' persuni li janalizzaw l-omeliji u jwasslu b'mod diskret xi kummenti u suġġerimenti lis-saċerdoti.<br>Resp : **Kummissjoni Liturġija**<br>4. Sejħa u għażla għal min hu nteressat biex jgħallem il-katekiżmu u kors fuq bażi ta' unita' jew parroċċa għall-katekisti prospettivi.<br>Resp : **Grupp Kuntatt Unita' 15**<br>**Kummissjoni Kateketika**<br>5. Il-Kummissjoni Kateketika Nazzjonali tintalab tagħti regoli dwar l-attendenza għall-katekeżi.<br>Resp : **Kummissjoni Kateketika**<br>6. Kors ta' laqgħat għal kulħadd dwar l-Eżortazzjoni Appostolika tal-Papa Pawlu VI – Evangelii Nuntiandi<br>Resp : **KPP**<br>7. Xi ħadd inkarigat mill-abbatini.<br>Resp : **Kummissjoni Liturġija** |

| | | |
|---|---|---|
| **D.Nuqqas ta' interess fit-tagħlim u fil-Kelma t'Alla:**<br>I. Attendenza għall-katekeżi tieqaf mal-Griżma tal-Isqof.*<br>II. Nuqqas ta' aġġornament u interess fil-Kelma t'Alla .<br>III. Nuqqas ta' konvinzjoni tar-Reliġjon Nisranija.<br>IV. Attivitajiet li jtellfu l-ħidma tal-Knisja fis-sajf.<br>V. Nuqqas ta' parteċipazzjoni mill-poplu fil-quddiesa.<br>VI. Tfal impenjati f'attivitajiet li jtellfu l-katekiżmu.<br>VII. L-attendenza tal-quddies taħt il-medja.<br>VIII. Imġieba mhux aċċettabli fil-knisja (ilbies, kliem, eċċ.). | a. Inwasslu l-katekeżi fid-djar - Ħafna mhumiex lesti li joħorġu mid-djar, iżda huma lesti li jisimgħu.<br>b. Inqajmu nteress fil-Kelma t'Alla b'mod speċjali fil-lajċi mpenjati u fost iż-żgħażagħ.<br>c. Koordinament bejn il-parroċċa u gruppi f'Birżebbuġa.<br>d. Numru akbar ta' nies jipparteċipaw fil-Liturġija. | 1. Jitqassmu Cds,DVDs,*Leaflets* dwar katekeżi u tintalab *feedback*. Dawn huma ndirizzati lejn dawk li ma jintlaħqux bl-internet.<br>Resp : **KPP**<br>2. Kors bażiku ta' Fidi.<br>Resp : **KPP**<br>3. *Leaflet* miċ-ċentri tad-duttrina dwar it-tagħlim li jitgħallmu t-tfal u biex jinvolvu lill-ġenituri.<br>Resp : **Kummissjoni Kateketika**<br>4. Kors fuq il-Bibbja<br>Resp : **KPP**<br>5. Introduzzjoni tal-*Lectio Divina*<br>Resp : **Kummissjoni Liturġija**<br>6. Promozzjoni ta' rivisti dwar il-Kelma ta' Alla.<br>Resp : **Kummissjoni Liturġija**<br>7. Ftehim ma' gruppi f'Birżebbuġa biex l-attivitajiet ma jaħbtux.<br>Resp : **KPP**<br>8. Spjega tal-Liturġija u formazzjoni ta' animaturi biex imexxu l-Liturġija. (Kant, qari, eċċ.).<br>Resp : **Kummissjoni Liturġija**<br>9. Avviż għal nies *committed* biex jgħinu fl-animazzjoni waqt il-quddiesa tat-tfal tal-Ħadd.<br>Resp : **Kummissjoni Liturġija**<br>10. Tagħrif dwar il-Movimenti u l-Għaqdiet fil-quddiesa f'Jum il-Lajċi Nsara.<br>Resp : **KPP** |

| | | |
|---|---|---|
| **E. Problemi Soċjali fil-familji u fit-tkabbir tal-ulied:**<br>I. *Single Parents**<br>II. Familji ġodda mingħajr "*sense of belonging*" speċjalment fil-Qajjenza.<br>III. Nies li jħossuhom li huma barra mill-Knisja.<br>IV. Ħinijiet twal ta' xogħol, nuqqas ta' ħin fil-familja.<br>V. Nuqqas ta' spiritwalita' effett tal-kumdita'.<br>VI. *Challenge* kbir għal ħafna mill-ġenituri jew *guardians* fl-edukazzjoni u l-formazzjoni tal-fidi u t-trobbija tal-ulied.<br>VII. Separati u divorzjati qed jinqatgħu aktar mill-Knisja bir-regoli li tagħmlilhom.<br>VIII. Ħafna mill-ġenituri jew *guardians* ifallu fir-responsabilita' tagħhom bħala l-ewwel u l-aqwa għalliema tal-fidi għal uliedhom | a. Nidentifikaw u nikkomunikaw ma' persuni li huma weħidhom, imwarrba,li tilfu lil xi ħadd, bla xogħol, *single parents*, jew ma jistgħux jiġu knisja.<br>b. Bini ta' komunita' fiz-zona tal-Qajjenza.<br>c. Jinħoloq kuntatt ma' dawk li jħossuhom li huma 'l barra mill-Knisja, jew li tbiegħdu għal xi raġuni fosthom għax ħassewhom imweġġgħa jew għax iħossu li l-Knisja mhix relevanti għalihom.<br>d. Aktar involviment mill-ġenituri fil-lezzjonijiet tal-katekiżmu.<br>e. Tagħrif lil dawk li huma separati jew iddevorzjati u qegħdin f'relazzjoni dwar is-sehem tagħhom fil-liturġija u l-quddiesa tal-Ħadd. | 1. Nissapportjaw gruppi li ġa hemm fil-parroċċa (djakonija, grupp għall-persuni b'diżabilita', eċċ.) u noħolqu oħrajn bħal grupp għar-romol u single parents<br>a.Taħriġ għal min jixtieq jgħin fi gruppi ta' *support*.<br>b. Jintalab parir minn parroċċi oħra li ġa għandhom gruppi ta' *support*.<br>Resp : **Kummissjoni Djakonija**<br>2. Laqgħa għal nies magħżula li ġa huma mpenjati fil-parroċċa u huma residenti fil-Qajjenza u oħrajn li jixtiequ jagħtu sehem.<br>Resp : **KPP**<br>3. *Personal contact* mill-membri tal-għaqdiet u l-Kleru ma' nies li huma 'l barra jew tbiegħdu mill-Knisja.<br>Resp : **KPP**<br>4. *Awarness* tal-għajnuniet li toffri l-Knisja.<br>Resp : **Kummissjoni Djakonija**<br>5. Fuljett għall-ġenituri dwar il-katekeżi li tkun qed tingħata lit-tfal u kif huma jistgħu jgħinu.<br>Resp : **Kummissjoni Kateketika**<br>6. Spjegazzjoni lil dawk li huma separate jew devorzjati u qegħdin f'relazzjoni li għalkemm ma jistgħux jitqarbnu xorta jistgħu jieħdu sehem fil-quddiesa.<br>Resp : **KPP**<br>7. Sakemm jinbena ċ-ċentru tal-Qajjenza u dment li s-sorijiet ma jaċċettawx li nagħmlu użu mill-premises 'Villa Agape', nippruvaw nikru garaxx u nattrezzawh għall-bżonnijiet taz-zona.<br>Resp : **KPP** |

| | | |
|---|---|---|
| **F. L-Isfida għan-nisrani biex jidentifika ruħu llum:**<br>I. Spiritwalita' (konvinzjoni profonda ta' min jemmen u mhux ta' konvenjenza jew ta' kultura).<br>II. Alla għadu jieħu l-inizjattiva u jkellimna permezz tal-Kelma tiegħu li fiha nsibu ħafna risposti għall-mistoqsijiet tal-lum.<br>III. Lingwaġġ li jinftiehem mill-poplu.<br>IV. Xi wħud lanqas huma konxji li bl-atteġġjament tagħhom u bl-għażliet tagħhom qed imorru kontra l-messaġġ nisrani.<br>V. Bżonn ta' formazzjoni għal-lajci u ħin għal dan.<br>VI. Nuqqas ta' parteċipazzjoni u prattika miż-żgħażagħ.*<br>VII. Qsim ta' esperjenzi.<br>VIII. L-identita' tan-nisrani mhix toħroġ fil-beraħ għax nibżgħu li ma jaċċetawniex. | a. Inkunu aħna l-ewwel li niżviluppaw spiritwalita' mibnija fuq relazzjoni intima ma' Alla. Inservu ta' *role model*.<br>b. Aġġornament tal-mezzi li nwasslu bihom il-messaġġ Nisrani.<br>c. Inħallu d-dawl tajjeb tagħna jiddi quddiem il-bnedmin. Qsim ta' esperjenzi.<br>d. Inkunu solidali ma' xulxin u ninkoraġġixxu lil xulxin biex ma nibżgħux nuru li aħna nsara.<br>• Nilħqu aħjar lill-insara ta' konvenjenza u ngħinuhom jikbru.<br>• Naħdmu ma' nies barranin – Insara bħalna jew ta' reliġjonijiet oħra – u nħobbuhom. | 1. Nagħtu aktar importanza lit-talb, mumenti ta' riflessjoni u rakkoljiment, Adorazzjoni, Quddiesa, Sagramenti u atti ta' ġenerożita', fl-ghaqdiet u fuq bqżi personali.<br>Resp : **Għaqdiet tal-parroċċa**<br>2. *Website* dinamika, tinbidel ta' sikwit u tinkludi *inspirational videos/features* b'messaġġ nisrani u tkun interattiva.<br>Resp : **Web Master**<br>3. *Facebook* tal-parroċċa b'moderaturi biex jikkontollawh u ma jispiċċax *chatting*.<br>Resp : **KPP**<br>4. Omeliji jkunu jinftiehmu.<br>Resp : **Kleru Parrokkjali**<br>5. Neliminaw laqgħat żejda li qed inaffru lajċi prospettivi u qed jaqtgħu qalb lajċi li huma ġa impenjati.<br>Resp : **KPP**<br>6. Kors għal-letturi.<br>Resp : **Kummissjoni Liturġija**<br>7. Inħajru lil min għadda minn esperjenza spiritwali fil-ħajja tiegħu biex jgħaddiha lill-oħrajn, permezz tal-*media* tal-parroċċa. eż. Flimkien, *website*, għaqdiet jew fil-quddiesa.<br>Resp : **KPP** |

| | | |
|---|---|---|
| **G. Il-bżonn ta'tiġdid fil-Knisja (jew fil-parroċċa):**<br>I. Fil-parroċċa r-riżorsi mhumiex imqassmin ġustament jew skont il-prijoritajiet.<br>a. Naħdmu mingħajr ma nkunu nafu eżatt is-sitwazzjoni tal-parroċċa u tan-nies tal-parroċċa.<br>b. Nuqqas ta' informazzjoni dwar servizzi li toffri l-parroċċa.<br><br>II. Biex ikun hemm l-implimentazzjoni tas-Sinodu hemm bżonn nies b'viżjoni, nies li jafu jikkollaboraw, qaddejja, *leaders* li jaħdmu flimkien għall-missjoni fil-Knisja.<br>III. Il-bżonn ta' tagħlim f'dak li għandu x'jaqsam mal-Liturġija tal-Knisja – ħafna nsara ma jafu xejn dwar il-Liturġija.<br>IV. Eta' tal-membri f'ċerti gruppi hi pjuttost anzjana. | a. Diskussjoni kontinwa ta' x'inhuma l-prijoritajiet.<br>b. Aġġornament kontinwu tad-*Data Base*.<br>c. Tagħlim dwar il-liturġija. Xi wħud iħossuhom konfużi għax jingħataw tifsir differenti tal-Liturġija. (eż. jiftħu jew ma jiftħux idejhom).<br>d. Aktar propaganda tal-*website*.<br>e. Talba għal saċerdot żagħżugħ fil-parroċċa.<br>f. Introduzzjoni ta' nies ġodda fil-ħidma tal-parroċċa.<br>g. Naqsmu l-esperjenza sabiħa tal-Assemblea mal-oħrajn.<br>h. Il-voluntiera għandhom jinbnew personalment permezz tal-esperjenza tagħhom ma' Alla. | 1. L-għaqdiet iwasslu lista ta' riżorsi (kemm oġġetti kif ukoll personell)li għandhom bżonn u dawn jiġu diskussi mill-KPP skont il-prijorita'.<br>Resp : **KPP**<br>2. Persuna nkarigata mill-aġġornament tad-*data base*.<br>Resp : **Web Master + Helpers**<br>3. Tifsir tal-liturġija mid-Djoċesi lill-parroċċi<br>Resp : **Kummissjoni Liturġija**<br>4. Ħarsien u twettiq tal-linji gwida tal-liturġija. (eż. ċelebrazzjoni tas-Sagramenti u funerali).<br>Resp : **Kummissjoni Liturġija**<br>5. Ninkludu tagħlim dwar il-liturġija fil-katekiżmu tat-tfal.<br>Resp : **Kummissjoni Kateketika**<br>6. *Brochure* dwar is-servizzi tal-parroċċa fuq il-*website* u r-rivista Flimkien.<br>Resp : **Web Master**<br>**Kummissjoni Djakonija**<br>7. Għaqdiet u Kummissjonijiet janalizzaw u jiddiskutu kif jistgħu jinkludu aktar membri ta' eta' iżgħar.<br>Resp : **Għaqdiet u Kummissjonijiet**<br>8. Questionnaire għall-voluntiera u spjegazzjoni tad-diversi ħidmiet fil-parroċċa.<br>Resp : **KPP**<br>9. Laqgħat ta' riflessjoni għall-voluntiera<br>Resp : **KPP**<br>10. Użu aħjar min-*noticeboards* tal-knisja.<br>Resp : **Kummissjoni Media**<br>11. Akkumpanjament lill-koppji li għadhom kemm iżżewġu.<br>Resp : **Koppji Mexxejja** |

| | | |
|---|---|---|
| **H. Inklużjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja tal-parroċċa:**<br>I. Żgħażagh minn eta' żgħira mhux qed jiġu l-Knisja. *<br>II. Tkissir ta' valuri. Il-permessivita'- Sess fost iż-żgħażagħ – pornografija eċċ.*<br>III. Katekeżi tieqaf mal-Griżma tal-Isqof.*<br>IV. *Single Parents** (Żgħażagħ)<br>V. Nuqqas ta' parteċipazzjoni u prattika miż-żgħażagħ.<br>VI. Żgħażagħ li jixtiequ min jgħinhom fil-ħajja spiritwali tagħhom u oħrajn li jingħaqdu ma' xi grupp jew għaqda mill-parroċċa.<br>VII. Żgħażagħ minn familji tajba b'inizjattiva u kreattivita'. | a. Naħdmu biex il-parroċċa tkun post li ż-żgħażagħ ifittxu.<br>b. Kuntatt aktar maż-żgħażagħ, anke personali , biex nifhmu u nindunaw bir-realtajiet tagħhom.<br>c. Formazzjoni pożittiva dwar is-sesswalita'.<br>d. Inwasslu l-katekeżi fid-djar. Ħafna mhumiex lesti li joħorġu mid-djar, iżda huma lesti li jisimgħu.<br>e. Inrawmu żgħażagħ bħala '*Faith Leaders*'biex jaħdmu fost żgħażagħ oħrajn fil-parroċċa.<br>f. Espressjonijiet spiritwali fil-pubbliku miż-żgħażaġħ u għaż-żgħażaġħ bil-lingwaġġ tagħhom anke jekk xi kultant jidher profan. (*Pietru l-King, Pietru fuq il-Facebook, hawn hu l-hero!)*<br>g. Promozzjoni tal-ħidmiet fil-parroċċa u dak kollu li li huwa dirett għaż-żgħażagħ.<br>h. I. Inħallu spażju biex iż-żgħażagħ joħolqu Liturġija u esperjenzi ta' talb li jappellaw għalihom.<br>II. Nitolbu l-gruppi/sezzjonijiet taż-żgħażagħ biex jippromwovu attivitajiet, eż. adorazzjoni, u jinkoraġġixxu liż-żgħażagħ biex jieħdu sehem.<br>i. Użu tat-talent żagħżugħ (mużika, drama,arti,informatika, eċċ). | 1. Laqgħat ta' djalogu u laqgħat soċjali b'element spiritwali. Użu tas-*Social Networks* biex niddiskutu dak li qed iħossu jew jinkwieta liż-żgħażagħ.<br>Resp :**Grupp Adolexxenti u Żgħażagħ**<br>2. Laqgħat għa ż-żgħażagħ dwar is-sesswalita' b'dimensjoni spiritwali minn persuni kompetenti.<br>Resp :**Grupp Adolexxenti u Żgħażagħ**<br>3. Inkomplu nipprovdu riżorsi għaż-żgħażagħ biex janimaw il-quddiesa tal-Ħadd.<br>Resp :**Grupp Adolexxenti u Żgħażagħ**<br>4. *Adverts* fil-*media* tal-parroċċa dwar okkażjonijiet ta' ħidma għaż-żgħażagħ.<br>Resp :**Grupp Adolexxenti u Żgħażagħ**<br>5. Norganizzaw '*social function'* fejn żgħażagħ iġibu żgħażagħ oħra '*bring a friend'*.<br>Resp :**Grupp Adolexxenti u Żgħażagħ**<br>6. Inħeġġu żgħażagħ biex jattendu korsijiet (anke fuq bażi ta' Unita') ta' '*Faith Leaders'.*<br>Resp : **Grupp Kuntatt Unita' 15**<br>7. Insaħħu l-grupp ta' żgħażagħ li għalissa qed isaħħaħ il-quddiesa taż-żgħażagħ biex jifrex il-ħidma tiegħu.<br>Resp :**Grupp Adolexxenti u Żgħażagħ**<br>8. Nipproponu assemblea għaż-żgħażagħ.<br>Resp :**Grupp Adolexxenti u Żgħażagħ**<br>9. Mumenti ta' talb għaż-żgħażagħ.<br>Resp :**Grupp Adolexxenti u Żgħażagħ** |